



Ġabra tal-ġurisprudenza

SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Ir-Raba' Awla)

13 ta' Ottubru 2022*

“Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Regolament (UE) Nru 651/2014 – Punt 83 tal-Artikolu 2 – Riferiment dirett u inkundizzjonat għad-dritt tal-Unjoni – Ammissibbiltà tad-domandi – Għajjnuna għar-riċerka, għall-iżvilupp u għall-innovazzjoni – Kunċett ta' ‘organizzazzjoni ta' riċerka u ta' tixrid tal-għarfien’ – Istituzzjoni ta' edukazzjoni oġġla li teżerċita attivitajiet ekonomiċi u mhux ekonomiċi – Determinazzjoni tal-iskop ewlieni”

Fil-Kawżi magħquda C-164/21 u C-318/21,

li għandhom bħala suġġett talbiet għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Administrativā rajona tiesa (il-Qorti Amministrattiva Distrettwali, il-Latvja) (C-164/21) u mill-Administrativā apgabtiesa (il-Qorti Amministrattiva Reġjonali, il-Latvja) (C-318/21), permezz ta' deċiżjonijiet tat-12 ta' Marzu 2021 u tal-11 ta' Mejju 2021, li waslu rispettivament fil-Qorti tal-Ġustizzja fit-12 ta' Marzu 2021 u fil-21 ta' Mejju 2021, fil-proċeduri

“Baltijas Starptautiskā Akadēmija” SIA (C-164/21),

“Stockholm School of Economics in Riga” SIA (C-318/21)

vs

Latvijas Zinātnes padome,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Ir-Raba' Awla),

komposta minn C. Lycourgos, President tal-Awla, L. S. Rossi, J.-C. Bonichot, S. Rodin u O. Spineanu-Matei (Relatriċi), Imħallfin,

Avukat Ġenerali: T. Čapeta,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

– għal “Baltijas Starptautiskā Akadēmija” SIA, minn I. Cvetkova,

* Lingwa tal-kawża: il-Latvjan.

- għal “Stockholm School of Economics in Riga” SIA, minn E. Balode-Buraka, D. Driče u L. Rasnačs, advokāti,
- għall-Gvern Latvjan, minn J. Davidoviča, I. Hūna u K. Pommere, bħala aġenti,
- għall-Gvern tal-Pajjiżi l-Baxxi, minn M. Bulterman, M. Gijzen, J. Hoogveld u J. Langer, bħala aġenti,
- għall-Kummissjoni Ewropea, minn P. Arenas, C. Kovács u A. Sauka, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukata Ġenerali ppreżentati fis-seduta tat-28 ta' April 2022,

tagħti l-preżenti

Sentenza

- 1 It-talbiet għal deċiżjoni preliminari jirrigwardaw l-interpretazzjoni tal-punt 83 tal-Artikolu 2 tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 651/2014 tas-17 ta' Ġunju 2014 li jiddikjara li ċerti kategoriji ta' għajjnuna huma kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikoli 107 u 108 [TFUE] (ĠU 2014, L 187, p. 1).
- 2 Dawn it-talbiet tressqu fil-kuntest ta' kawżi bejn, minn naħa, “Baltijas Starptautiskā Akadēmija” SIA (iktar 'il quddiem “BSA”) u “Stockholm School of Economics in Riga” SIA (iktar 'il quddiem “SSE”), istituzzjonijiet ta' edukazzjoni ogħla rregolati mid-dritt privat, u, min-naħa l-oħra, il-Latvijas Zinātnes padome (il-Kunsill Latvjan tax-Xjenza, il-Latvja) dwar iċ-ċaħda tat-talbiet ta' finanzjament ta' proġetti mressqa minn dawn l-istituzzjonijiet fil-kuntest ta' sejħiet għal proġetti ta' riċerka fundamentali u applikata mnedija mill-Kunsill Latvjan tax-Xjenza.

Il-kuntest ġuridiku

Id-dritt tal-Unjoni

Ir-Regolament Nru 651/2014

- 3 Il-premessi 45, 47, 48 u 49 tar-Regolament Nru 651/2014 huma fformulati kif ġej:

“(45) L-għajjnuna għar-riċerka u l-iżvilupp u l-innovazzjoni tista' tikkontribwixxi għal tkabbir ekonomiku sostenibbli, issaħħaħ il-kompetittività u tagħti spinta lill-impjegi. L-esperjenza fl-applikazzjoni tar-Regolament [tal-Kummissjoni (KE) Nru 800/2008 tas-6 ta' Awwissu 2008 li jiddikjara ċerti kategoriji ta' għajjnuna bħala kompatibbli mas-suq komuni (Regolament għal Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa) skond l-Artikoli [107 u 108 TFUE] (ĠU 2008, L 214, p. 3)] u fil-qafas Komunitarju għall-għajjnuna mill-Istat għar-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni turi li l-fallimenti tas-suq jistgħu jżommu lis-suq milli jilħaq l-aħjar produzzjoni u jwasslu għal ineffiċjenzi relatati ma' esternalitajiet, oġġetti pubbliċi/riperkussjonijiet ta' għarfien, informazzjoni difettuża u assimetrija, u fallimenti fil-koordinazzjoni u fin-netwerk.

[...]

(47) Fir-rigward ta' għajnuna għal proġetti ta' riċerka u żvilupp, il-parti megħjuna tal-proġett tar-riċerka għandha taqa' kompletament taħt il-kategoriji tar-riċerka fundamentali, ir-riċerka industrijali jew l-iżvilupp sperimentali. [...]

(48) L-infrastrutturi tar-riċerka ta' kwalità għolja qegħdin isiru dejjem aktar meħtieġa għar-riċerka rivoluzzjonarja u għall-innovazzjoni minħabba li jattiraw talent globali u huma essenzjali fl-appoġġ għal teknoloġiji ġodda tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni u għal teknoloġiji abilitanti ewlenin. [...]

(49) Infrastrutturi tar-riċerka jistgħu jwettqu kemm attivitajiet ekonomiċi kif ukoll mhux ekonomiċi. Biex jiġi evitat l-għoti ta' għajnuna mill-Istat għal attivitajiet ekonomiċi permezz ta' finanzjament pubbliku ta' attivitajiet mhux ekonomiċi, l-ispejjeż u l-finanzjament ta' attivitajiet ekonomiċi u mhux ekonomiċi għandhom ikunu distinti b'mod ċar. Meta infrastruttura hija użata għal kemm għal attivitajiet ekonomiċi kif ukoll għal attivitajiet mhux ekonomiċi, il-finanzjament permezz tar-riżorsi tal-Istat għall-ispejjeż marbutin ma' attivitajiet mhux ekonomiċi tal-infrastruttura ma jikkostitwixxix għajnuna mill-Istat. [...]"

4 L-Artikolu 1 ta' dan ir-regolament, intitolat "Kamp ta' applikazzjoni", jgħid, fil-paragrafu 1 tiegħu, li:

"Dan ir-Regolament japplika għall-kategoriji ta' għajnuna li ġejjin:

[...]

(d) l-għajnuna għar-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni;

[...]"

5 L-Artikolu 2 ta' dan ir-regolament, intitolat "Definizzjonijiet", jistabbilixxi li:

"Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

[...]

Definizzjonijiet għal Għajnuna għar-riċerka u l-iżvilupp u l-innovazzjoni

83. 'organizzazzjoni ta' riċerka u tixrid tal-għarfien' tfisser entità (bħal universitajiet jew istituti ta' riċerka, aġenziji tat-trasferiment tat-teknoloġija, intermedjarji ta' innovazzjoni, entitajiet kollaborattivi fiżiċi u/jew virtwali orjentati lejn ir-riċerka), ikun xi jkun l-istat legali tagħha (organizzata skont il-liġi pubblika jew privata) jew il-mod ta' finanzjament, li l-iskop ewleni tagħha jkun li twettaq riċerka fundamentali, riċerka industrijali jew żvilupp sperimentali jew li xxerred b'mod wiesa' r-riżultati ta' attivitajiet bħal dawn permezz tat-tagħlim, il-pubblikazzjoni jew it-trasferiment tal-għarfien. Meta din l-entità tiżvolġi wkoll attivitajiet ekonomiċi, il-finanzjament, l-ispejjeż u d-dħul ta' dawn l-attivitajiet ekonomiċi jridu jitqiesu b'mod separat. L-intrapriżi li jistgħu jeżerċitaw influwenza fuq entità bħal din, pereżempju fil-kapaċità tagħhom bħala azzjonisti jew membri, jaf ma jgawdu l-ebda aċċess preferenzjali għar-riżultati ġġenerati minnha[.]"

Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-2014

6 Il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea intitolata “Qafas għall-għajnuna mill-istat għar-riċerka u l-iżvilupp u l-innovazzjoni” (ĠU 2014, C 198, p. 1) (iktar ’il quddiem il-“Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-2014”), tipprevedi, fil-punti 17, 19 sa 20 tagħha, li:

“17. L-organizzazzjonijiet tar-riċerka u t-tixrid tal-għarfien (‘organizzazzjonijiet tar-riċerka’) u l-infrastrutturi tar-riċerka jkunu destinatari ta’ għajnuna mill-istat jekk il-finanzjament pubbliku tagħhom jissodisfa l-kundizzjonijiet kollha tal-Artikolu 107(1) [TFUE]. Kif spjegat fl-Avviż dwar il-kunċett ta’ għajnuna mill-istat, u skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-benefiċjarju jrid jikkwalifikaw bħala impriża, iżda dik il-kwalifika ma tiddependix fuq l-istatus legali tiegħu, jiġifieri jekk huwiex organizzat skont il-liġi pubblika jew privata, jew min-natura ekonomika tiegħu, jiġifieri jekk huwiex bi skop ta’ profitt jew le. Minflok, il-fattur deċiżiv għal dik il-kwalifika bħala impriża huwa jekk iwettaqx attività ekonomika li tikkonsisti f’li joffri podotti jew servizzi f’suq partikolari. [...]

[...]

19. Il-Kummissjoni tqis li l-attivitajiet li ġejjin huma ġeneralment ta’ natura mhux ekonomika:
(a) l-attivitajiet primarji tal-organizzazzjonijiet ta’ riċerka u tal-infrastrutturi ta’ riċerka, b’mod partikolari:

– edukazzjoni għal riżorsi umani b’ħiliet aħjar u aktar kwalifikati. F’konformità mal-ġurisprudenza [...] u l-prassi deċiżjonali tal-Kummissjoni [...], u kif spjegat fl-Avviż dwar il-kunċett tal-għajnuna mill-istat u l-Komunikazzjoni SGEI [...], l-edukazzjoni pubblika organizzata fis-sistema edukattiva nazzjonali, iffinanzjata totalment jew fil-biċċa l-kbira tagħha mill-Istat u taħt is-superviżjoni tal-Istat titqies bħala attività mhux ekonomika [...];

– RŻ indipendenti għal aktar għarfien u fehim aħjar, fosthom RŻ kollaborattivi fejn organizzazzjoni ta’ riċerka jew infrastruttura ta’ riċerka tinvolvi ruħha f’kollaborazzjoni effettiva [...];

– tixrid wiesa’ tar-riżultati tar-riċerka fuq bażi mhux esklużiva u mhux diskriminatorja, pereżempju tagħlim, bażijiet tad-dejta b’aċċess miftuħ, pubblikazzjonijiet miftuħa jew softwer miftuħ.

(b) attivitajiet ta’ trasferiment tal-għarfien, fejn isiru jew minn organizzazzjoni ta’ riċerka jew infrastruttura ta’ riċerka (inkluż id-dipartimenti jew is-sussidjarji tagħhom) jew flimkien ma’, jew f’isem entitajiet oħra bħal dawn, u fejn il-profit kollu minn daww l-attivitajiet jiġi riinvestit fl-attivitajiet primarji tal-organizzazzjoni ta’ riċerka jew tal-infrastruttura ta’ riċerka. In-natura mhux ekonomika ta’ daww l-attivitajiet ma tiġix preġudikata billi l-forniment ta’ servizzi korrispondenti jiġi kkuntrattat lil partijiet terzi permezz ta’ sejħiet miftuħa għall-offerti.

20. Meta organizzazzjoni ta’ riċerka jew infrastruttura ta’ riċerka tkun użata kemm għal attivitajiet ekonomiċi kif ukoll mhux ekonomiċi, il-finanzjament pubbliku jaqa’ taħt ir-regoli tal-għajnuna mill-istat biss sal-punt li dan ikopri spejjeż marbuta mal-attivitajiet ekonomiċi [...]. [...]

Id-dritt Latvjan

- 7 Id-Digriet Nru 725 tal-Kunsill tal-Ministri tat-12 ta' Diċembru 2017 (*Latvijas Vēstnesis*, 2017, Nru 248), intitolat "Fundamentālo un lietišķo pētījumu projektu izvērtēšanas un finansējuma administrēšanas kārtība" (proċeduri għall-evalwazzjoni tal-proġetti ta' riċerka fundamentali u applikata u l-modalitajiet tal-amministrazzjoni tal-finanzjament tagħhom), jistabbilixxi, fil-punt 2.7 tiegħu, li:

"[L]-offerent għandu jkun istituzzjoni xjentifika mniżżla fir-reġistru tal-istituzzjonijiet xjentifiċi li, indipendentement mill-istatus legali tagħha (irregolata mid-dritt pubbliku jew mid-dritt privat) jew mill-mod ta' finanzjament tagħha skont id-dispożizzjonijiet regolamentari li jirregolaw l-attivitajiet tagħha (statuti, regolament intern, att kostituttiv), teżerċita attivitajiet prinċipali ta' natura mhux ekonomika u li tikkorrispondu għad-definizzjoni ta' organu ta' riċerka li tinsab fil-punt 83 tal-Artikolu 2 tar-[Regolament Nru 651/2014]."

- 8 Skont il-punt 6 tad-Digriet Nru 725:

"L-offerent għandu jimplimenta proġett li ma għandux rabta mal-attività ekonomika tiegħu. Huwa għandu jissepara b'mod ċar l-attivitajiet prinċipali li ma humiex ta' natura ekonomika (u l-flussi finanzjarji korrispondenti) mill-attivitajiet li jitqiesu li huma attivitajiet ekonomiċi. L-attivitajiet eżerċitati f'isem negozjant, il-kiri ta' infrastrutturi ta' riċerka u s-servizzi ta' konsulenza għandhom jitqiesu li huma attivitajiet ekonomiċi. Meta l-istituzzjoni xjentifika tkun teżerċita wkoll attivitajiet ekonomiċi oħra li ma jikkorrispondux mal-attivitajiet prinċipali li ma humiex ta' natura ekonomika, hija għandha tissepara l-attivitajiet prinċipali tagħha u l-flussi finanzjarji korrispondenti mill-attivitajiet l-oħra tagħha u mill-flussi finanzjarji assoċjati ma' dawn tal-aħħar."

- 9 Il-punt 12.5 tad-Digriet Nru 725 jistabbilixxi li:

"Il-[Kunsill Latvjan tax-Xjenza] għandu jevalwa l-konformità tal-proposta għal proġett mal-kriterji ta' ammissibbiltà amministrattiva li ġejjin: il-proġett ser jiġi implimentat f'istituzzjoni xjentifika li tissodisfa r-rekwiżiti ta' dan id-digriet."

Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

- 10 Fiż-żewġ kawżi mressqa quddiem il-qrati tar-rinviju, ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali huma istituzzjonijiet ta' edukazzjoni oġhla rregolati mid-dritt privat li wiegħbu għal żewġ sejħiet għal proġetti distinti mnedija, matul is-snin 2019 u 2020, mill-Kunsill Latvjan tax-Xjenza għall-finanzjament ta' proġetti ta' riċerka.
- 11 Il-Kunsill Latvjan tax-Xjenza huwa awtorità amministrattiva taħt il-kontroll tal-Ministru għall-Edukazzjoni u għax-Xjenza, li l-għan tagħha huwa li timplimenta l-politika nazzjonali ta' żvilupp xjentifiku u teknoloġiku billi tiżgura l-għarfien espert, l-implimentazzjoni u s-sorveljanza ta' programmi u ta' proġetti ta' riċerka xjentifika li huma ffinanzjati mill-baġit tal-Istat, mill-Fondi strutturali tal-Unjoni Ewropea u minn strumenti finanzjarji barranin oħra.

Il-Kawża C-164/21

- 12 BSA hija kumpannija b'responsabbiltà limitata stabbilita fil-Latvja, li l-attività tagħha tikkonsisti fil-provvista ta' servizzi ta' edukazzjoni oġhla ta' natura akkademika u mhux akkademika. Din hija istituzzjoni ta' edukazzjoni oġhla rrikonoxxuta mill-Istat, li hija, barra minn hekk, imniżżla fir-reġistru tal-istituzzjonijiet xjentifiċi.
- 13 Permezz ta' deċiżjoni tat-23 ta' Jannar 2020, il-Kunsill Latvjan tax-Xjenza approva r-regolament li jirregola s-sejħa ġenerali għal proġetti ta' riċerka fundamentali u applikata għall-2020, li fil-kuntest tiegħu l-BSA ssottomettiet proposta għal proġett.
- 14 Permezz ta' deċiżjoni tal-14 ta' April 2020, il-Kunsill Latvjan tax-Xjenza ċaħad il-proposta għal proġett ta' BSA bħala ineliġibbli għal finanzjament, minħabba li din ma setgħetx titqies bħala istituzzjoni xjentifika, fis-sens tad-Digriet Nru 725, peress li ma kinitx tissodisfa d-definizzjoni tal-kunċett ta' "organizzazzjoni ta' riċerka u ta' tixrid tal-għarfien" li tinsab fil-punt 83 tal-Artikolu 2 tar-Regolament Nru 651/2014.
- 15 B'mod iktar preċiż, il-Kunsill Latvjan tax-Xjenza indika li d-dokumenti ppreżentati minn BSA ma kien fihom ebda informazzjoni li tippermetti li jsir magħruf jekk it-twettiq ta' riċerki indipendenti kienx jikkostitwixxi l-attività prinċipali tagħha. F'dan ir-rigward, huwa rrileva li, għall-2019, 84 % tad-dħul mill-bejgħ tagħha kien ikkostitwit minn spejjeż skolastiċi li, fid-dawl tat-tip ta' attività ta' BSA (kumpannija b'responsabbiltà limitata li l-iskop prinċipali tagħha huwa li tagħmel profitt), kienu jikkostitwixxu attività ekonomika. Konsegwentement, il-Kunsill Latvjan tax-Xjenza kkonkluda li l-attività prinċipali ta' BSA kellha titqies li hija ta' natura kummerċjali.
- 16 Il-Kunsill Latvjan tax-Xjenza qies ukoll li d-dokumenti ppreżentati minn BSA ma kienx fihom biżżejjed indikazzjonijiet dwar il-fatt li l-impriżi li jistgħu jeżerċitaw influwenza fuqha, pereżempju fil-kapaċità tagħhom ta' azzjonist jew ta' soċju, ma setgħu jibbenefikaw minn ebda aċċess privileġġat għall-kapaċitajiet ta' riċerka tagħha u lanqas għar-riżultati ta' riċerka li hija tipproduċi. Konsegwentement, il-Kunsill Latvjan tax-Xjenza qies li BSA ma setgħetx tiggarrantixxi li l-implimentazzjoni tal-proġett u l-użu tal-parti ta' finanzjament tagħha jkunu konformi mal-punt 6 tad-Digriet Nru 725, li jirrikjedi li l-offerent jimplementa proġett mingħajr rabta mal-attività ekonomika tiegħu u jissepara b'mod ċar l-attivitajiet prinċipali li ma humiex ta' natura ekonomika (u l-flussi finanzjarji korrispondenti) mill-attivitajiet li jitqiesu li jikkostitwixxu attivitajiet ekonomiċi.
- 17 BSA kkontestat id-deċiżjoni ta' rifjut tal-Kunsill Latvjan tax-Xjenza quddiem l-Administrativā rajona tiesa (il-Qorti Amministrattiva Distrettwali, il-Latvja), fejn sostniet li r-riċerka indipendenti tikkostitwixxi l-attività prinċipali tagħha. Skont BSA, la r-Regolament Nru 651/2014 u lanqas ir-regolament li jirregola s-sejħa ma jistipulaw li offerent ma jistax jeżerċita attivitajiet ekonomiċi u jagħmel profitt minnhom, u lanqas ma jistabbilixxu liema proporzjon ta' attivitajiet għandu jkun ekonomiku u liema proporzjon għandu jkun mhux ekonomiku. BSA ssostni wkoll li hija tisepara b'mod ċar l-attivitajiet prinċipali ta' natura mhux ekonomika minn dawk li huma ekonomiċi, kif ukoll il-flussi finanzjarji korrispondenti.
- 18 Il-qorti tar-rinviju tistaqsi, għaldaqstant, dwar l-interpretazzjoni li għandha tingħata lill-kunċett ta' "organizzazzjoni ta' riċerka u ta' tixrid tal-għarfien", fis-sens tal-punt 83 tal-Artikolu 2 tar-Regolament Nru 651/2014, li għalih tirreferi l-leġislazzjoni Latvjana, u dwar il-kriterji għall-klassifikazzjoni ta' tali organizzazzjoni.

- 19 F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-Administratīvā rajona tiesa, (il-Qorti Amministrattiva Distrettwali) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari segwenti:
- “1) Organu (tad-dritt privat) li jeżerċita diversi attivitajiet prinċipali, fosthom ir-riċerka, iżda li d-dħul tiegħu jiġi fil-parti l-kbira tiegħu mill-provvista ta' servizzi ta' taġħlim bi ħlas, jista' jiġi kklassifikat bħala entità fis-sens tal-Artikolu 2(83) [tal-punt 83 tal-Artikolu 2] tar-Regolament [Nru 651/2014]?”
 - 2) Huwa ġġustifikat li jiġi applikat ir-reqwizit dwar il-proporzjon ta' finanzjament (dħul u infiq) tal-attivitajiet ekonomiċi u mhux ekonomiċi sabiex jiġi ddeterminat jekk l-entità kkonċernata tissodisfax ir-reqwizit stipulat fl-Artikolu 2(83) tar-Regolament Nru 651/2014, skont liema l-għan ewlieni tal-entità huwa li teżerċita, b'indipendenza sħiħa, attivitajiet ta' riċerka fundamentali, ta' riċerka industrijali jew ta' żvilupp sperimentali, jew li xxerred b'mod wiesa' r-riżultati ta' dawn l-attivitajiet permezz ta' taġħlim, ta' pubblikazzjonijiet jew ta' trasferiment ta' għarfien? Fil-każ ta' risposta fl-affermattiv, liema jkun il-proporzjon xieraq ta' finanzjament tal-attivitajiet ekonomiċi u mhux ekonomiċi sabiex jiġi ddeterminat l-għan prinċipali tal-attivitajiet tal-imsemmija entità?
 - 3) Huwa ġġustifikat, skont l-Artikolu 2(83) tar-Regolament Nru 651/2014, li jiġi applikat ir-reqwizit skont liema d-dħul mill-attività prinċipali għandu jiġi investit mill-ġdid fl-attività prinċipali tal-entità kkonċernata, u għandhom jiġu evalwati aspetti oħrajn sabiex ikun jista' jiġi ddeterminat b'mod korrett l-għan prinċipali tal-attivitajiet tal-offerent? L-użu tad-dħul iġġenerat (investit mill-ġdid fl-attività prinċipali jew, per eżempju, fil-każ ta' fundatur privat, imħallas fil-forma ta' dividendi lill-azzjonisti) ibiddel tali evalwazzjoni anki jekk il-biċċa l-kbira tad-dħul kien ġej minn spejjeż skolastiċi?
 - 4) L-istatus legali tal-membri tal-offerent jikkostitwixxi element essenzjali sabiex jiġi evalwat jekk l-imsemmi offerent jissodisfax id-definizzjoni msemmija fl-Artikolu 2(83) tar-Regolament Nru 651/2014, jiġifieri jekk din hijiex kumpannija kkostitwita skont id-dritt kummerċjali sabiex teżerċita attività ekonomika (bi ħlas) għal finijiet ta' lukru (Artikolu 1 tal-Kodiċi Kummerċjali) jew il-membri jew l-azzjonisti tagħha humiex persuni fiżiċi jew ġuridiċi bi skop ta' lukru (inkluża l-provvista ta' servizzi ta' taġħlim bi ħlas) jew maħluqa għal għan mhux ta' lukru (pereżempju, bħala assoċjazzjoni jew fondazzjoni)?
 - 5) Il-proporzjon ta' studenti nazzjonali u ta' dawk tal-Istati Membri tal-Unjoni meta mqabbel ma' dak ta' studenti barranin (li ġejjin minn pajjiżi terzi, li ma jagħmlux parti mill-Unjoni Ewropea) u l-fatt li l-għan tal-attività prinċipali eżerċitata mill-offerent jikkonsisti f'li jiġi pprovdut lill-istudenti taġħlim superjuri u kwalifika kompetittivi fis-suq internazzjonali tax-xogħol li jissodisfaw ir-reqwiziti internazzjonali attwali (Artikolu 5 tal-istatut tal-offerent) jikkostitwixxu element essenzjali sabiex tiġi evalwata n-natura ekonomika tal-attivitajiet tal-offerent?”

Il-Kawża C-318/21

- 20 SSE hija kumpannija b'responsabbiltà limitata stabbilita fil-Latvja, li għandha bħala għan, b'mod partikolari, l-iżvilupp xjentifiku u li waħda mill-missjonijiet tagħha tikkonsisti fir-riċerka fundamentali u applikata fix-xjenzi ekonomiċi. Hija tipprovdni wkoll edukazzjoni oġhla

universitarja u professjonali. L-uniku soċju tagħha huwa l-fondazzjoni Rīgas Ekonomikas augstskola – Stockholm School of Economics in Riga, li hija mniżżla fir-reġistru tal-assoċjazzjonijiet u tal-fondazzjonijiet.

- 21 Permezz ta' deċiżjoni tat-22 ta' Mejju 2019, il-Kunsill Latvjan tax-Xjenza approva r-regolament li jirregola s-sejħa ġenerali għal proġetti ta' riċerka fundamentali u applikata għall-2019, li fil-kuntest tiegħu SSE sottomettiet proposta għal proġett.
- 22 Permezz ta' deċiżjoni tad-19 ta' Settembru 2019, il-Kunsill Latvjan tax-Xjenza ċaħad il-proposta għal proġett ta' SSE bħala ineliġibbli għal finanzjament, minħabba li din ma setgħetx titqies bħala istituzzjoni xjentifika, fis-sens tad-Digriet Nru 725, peress li ma kinitx tissodisfa d-definizzjoni tal-kunċett ta' "organizzazzjoni ta' riċerka u ta' tixrid tal-għarfien" li tinsab fil-punt 83 tal-Artikolu 2 tar-Regolament Nru 651/2014.
- 23 Din id-deċiżjoni kienet ibbażata prinċipalment fuq il-fatt li mill-proposta għal proġett ta' SSE kien jirriżulta li, matul is-sena 2018, il-proporzjon tad-dħul mill-bejgħ tal-attivitajiet mhux ekonomiċi ta' SSE meta mqabbel ma' dak tal-attivitajiet ekonomiċi tagħha kien ta' 34 % kontra 66 %.
- 24 Il-Kunsill Latvjan tax-Xjenza kkonkluda minn dan li l-attività prinċipali ta' SSE kienet ta' natura kummerċjali u li ma setax jitqies li l-iskop ewlieni tagħha kien li teżerċita, b'indipendenza sħiħa, riċerka fundamentali, riċerka industrijali jew żvilupp sperimentali, jew li xxerred b'mod wiesa' r-riżultati ta' attivitajiet bħal dawn permezz tat-tagħlim, tal-pubblikazzjoni jew tat-trasferiment tal-għarfien. Huwa qies ukoll li d-dokumenti ppreżentati minn SSE lanqas ma kien fihom informazzjoni li tindika li d-dħul kollu ta' SSE mill-attività prinċipali tagħha kien ser jiġi investit mill-ġdid f'din l-attività.
- 25 SSE kkontestat id-deċiżjoni ta' rifjut tal-Kunsill Latvjan tax-Xjenza quddiem l-Administrativā rajona tiesa (il-Qorti Amministrattiva Distrettwali), billi sostniet b'mod partikolari li hija kienet tissodisfa r-rekwiżiti imposti mid-Digriet Nru 725 peress li kienet imniżżla fir-reġistru tal-istituzzjonijiet xjentifiċi u li l-attività prinċipali tagħha kienet ta' natura mhux ekonomika. F'dan ir-rigward, SSE ppreżentat dokumenti li juru li l-flussi finanzjarji ġġenerati mill-attività prinċipali tagħha kienu separati mill-attivitajiet ekonomiċi u li l-profitti mill-attivitajiet ekonomiċi tagħha kienu investiti mill-ġdid fl-attività prinċipali tal-istituzzjoni ta' riċerka.
- 26 Permezz ta' sentenza tat-8 ta' Ġunju 2020, l-Administrativā rajona tiesa (il-Qorti Amministrattiva Distrettwali) ċaħdet ir-rikors ta' SSE. Filwaqt li ammettiet li l-attività xjentifika kienet tikkostitwixxi wieħed mill-oqsma ta' attività ta' SSE, din il-qorti rrilevat li r-rapport fuq id-dħul mill-bejgħ għas-sena 2018 kien jindika li l-attivitajiet ekonomiċi ta' SSE kienu jirrappreżentaw proporzjon ikbar tad-dħul u tal-ispejjeż minn dawk tal-attivitajiet mhux ekonomiċi tagħha. Minn dan hija ddeduċiet li SSE ma kinitx istituzzjoni xjentifika eliġibbli sabiex tirċievi finanzjament mill-Istat għar-riċerka fundamentali u applikata.
- 27 SSE appellat minn din is-sentenza quddiem l-Administrativā apgabtiesa (il-Qorti Amministrattiva Reġjonali, il-Latvja).
- 28 Din għandha dubji dwar l-evalwazzjonijiet magħmula mill-Kunsill Latvjan tax-Xjenza u mill-Administrativā rajona tiesa (il-Qorti Amministrattiva Distrettwali). Hija tqis li, kieku kellhom jiġu approvati l-kriterji stabbiliti minnhom għall-għoti ta' għajnuna lil istituzzjoni xjentifika, liema kriterji jgħidu li d-dħul u l-ispejjeż marbuta mal-attivitajiet ekonomiċi tagħha

għandhom ikunu inqas minn dawk tal-attivitajiet mhux ekonomiċi, l-istituzzjonijiet ta' edukazzjoni ogħla privati ma jkunux jistgħu jibbenefikaw minn għajnuna pubblika favur ir-riċerka, li johlq differenza fit-trattament għad-detriment tagħhom.

- 29 L-Administrativā apgabtiesa (il-Qorti Amministrattiva Reġjonali) hija tal-opinjoni li r-Regolament Nru 651/2014 ma jstabbilixxix b'mod ċar jekk huwiex iġġustifikat, għall-finijiet tal-klassifikazzjoni ta' entità bħala "organizzazzjoni ta' riċerka u ta' tixrid tal-għarfien", li jittieħed inkunsiderazzjoni l-proporzjon rispettiv tad-dħul u tal-ispejjeż ta' din l-entità mill-attivitajiet ekonomiċi u mhux ekonomiċi tagħha.
- 30 Hija tqis li s-soluzzjoni tal-kawża quddiemha tiddependi mill-interpretazzjoni mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-punt 83 tal-Artikolu 2 tar-Regolament Nru 651/2014.
- 31 F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-Administrativā apgabtiesa (il-Qorti Amministrattiva Reġjonali) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari segwenti:

- “1) Il-punt 83 tal-Artikolu 2 tar-Regolament [Nru 651/2014], għandu jiġi interpretat fis-sens li entità (bħal università jew istitut ta' riċerka, aġenzija ta' trasferiment ta' teknoloġiji, intermedjarji fl-innovazzjoni jew entitajiet ta' kollaborazzjoni fiżiċi jew virtwali bbażati fuq ir-riċerka) li wieħed mill-għanijiet tagħha huwa li teżerċita, b'mod indipendenti, attivitajiet ta' riċerka fundamentali, ta' riċerka industrijali jew ta' żvilupp sperimentali, jew li xxerred b'mod wiesa' r-riżultati ta' dawn l-attivitajiet permezz ta' taġħlim, il-pubblikazzjoni jew it-trasferiment ta' għarfien, iżda li l-parti l-kbira tal-finanzjament proprju tagħha huwa magħmul minn dħul li joriġina minn attivitajiet ekonomiċi, tista' tiġi kkunsidrata bħala organizzazzjoni ta' riċerka u tixrid tal-għarfien?
- 2) Huwa iġġustifikat li jiġi applikat ir-reqwiżit ta' proporzjon ta' finanzjament (dħul u spejjeż) li joriġinaw minn attivitajiet ekonomiċi u mhux ekonomiċi sabiex jiġi ddeterminat jekk l-entità tosservax l-obbligu previst fil-punt 83 tal-Artikolu 2 tar-Regolament [Nru 651/2014], skont liema l-għan prinċipali tal-attivitajiet tal-entità huwa li jiġu eżerċitati, b'mod indipendenti, attivitajiet ta' riċerka fundamentali, ta' riċerka industrijali jew ta' żvilupp industrijali jew ta' żvilupp sperimentali, jew it-tixrid b'mod wiesa' tar-riżultati ta' dawn l-attivitajiet permezz tat-taġħlim, tal-pubblikazzjoni jew tat-trasferiment ta' għarfien?
- 3) Fil-każ ta' risposta fl-affermattiv għat-tieni domanda, liema għandu jkun il-perċentwali ta' finanzjament maqsum bejn l-attivitajiet ekonomiċi u l-attivitajiet mhux ekonomiċi sabiex jiġi stabbilit jekk l-għan tal-entità huwiex li jiġu eżerċitati, b'mod indipendenti, attivitajiet ta' riċerka fundamentali, ta' riċerka industrijali jew ta' żvilupp industrijali jew ta' żvilupp sperimentali, jew it-tixrid b'mod wiesa' tar-riżultati ta' dawn l-attivitajiet permezz tat-taġħlim, tal-pubblikazzjoni jew tat-trasferiment ta' għarfien?
- 4) Ir-regola li tinsab fil-punt 83 tal-Artikolu 2 tar-Regolament [Nru 651/2014], skont liema l-impriżi li jistgħu jeżerċitaw influwenza determinanti fuq l-entità li tipproponi l-proġett, pereżempju, fil-kapaċità tagħhom bħala azzjonisti jew membri ta' din, jistgħu ma jibbenefikawx minn aċċess privileġġjat għar-riżultati li tipproduċi, għandha tinftiehem fis-sens li l-membri jew l-azzjonisti tal-imsemmija entità jistgħu jkunu jew persuni fiżiċi jew ġuridiċi bi skop ta' lukru (inkluż il-provvista ta' servizzi edukattivi bi ħlas), jew persuni kkostitwiti mingħajr skop ta' lukru (bħal assoċjazzjoni jew fondazzjoni)?”

Fuq id-domandi preliminari

Osservazzjonijiet preliminari

- 32 Skont ġurisprudenza stabbilita, fil-kuntest tal-kooperazzjoni bejn il-Qorti tal-Ġustizzja u l-qrati nazzjonali stabbilita fl-Artikolu 267 TFUE, hija biss il-qorti nazzjonali li quddiemha titressaq il-kawża u li għandha tagħti d-deċiżjoni li għandha tevalwa, fid-dawl ta' ċirkustanzi partikolari tal-kawża, kemm in-neċessità ta' deċiżjoni preliminari sabiex tkun f'pożizzjoni li tagħti s-sentenza tagħha kif ukoll ir-rilevanza tad-domandi li hija tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja. Konsegwentement, peress li d-domandi magħmula jirrigwardaw l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja hija, bħala prinċipju, marbuta li tagħti deċiżjoni (sentenza tal-10 ta' Diċembru 2020, J & S Service, C-620/19, EU:C:2020:1011, punt 31 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).
- 33 Id-domandi li jirrigwardaw id-dritt tal-Unjoni jgawdu għalhekk minn preżunzjoni ta' rilevanza. Ir-rifjut tal-Qorti tal-Ġustizzja li tagħti deċiżjoni dwar domanda preliminari magħmula minn qorti nazzjonali huwa possibbli biss meta jkun jidher b'mod manifest li l-interpretazzjoni mitluba tad-dritt tal-Unjoni ma jkollha l-ebda rabta mar-realtà jew mas-suġġett tal-kawża prinċipali, meta l-Qorti tal-Ġustizzja ma jkollhiex għad-dispożizzjoni tagħha l-punti ta' liġi jew ta' fatt meħtieġa sabiex tirrispondi b'mod utli għad-domandi li jkunu sarulha jew meta l-problema tkun ta' natura ipotetika (sentenza tal-24 ta' Frar 2022, Tiketa, C-536/20, EU:C:2022:112, punt 39 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 34 F'dawn il-kawżi, il-Qorti tal-Ġustizzja qed tiġi mistoqsija dwar l-interpretazzjoni li għandha tingħata lill-punt 83 tal-Artikolu 2 tar-Regolament Nru 651/2014, li jiddefinixxi l-kunċett ta' "organizzazzjoni ta' riċerka u ta' tixrid tal-għarfien". Madankollu huwa fil-kuntest ta' tilwim dwar l-applikazzjoni tad-Digriet Nru 725 u dwar l-għoti ta' finanzjamenti pubbliċi għar-riċerka fundamentali u applikata mill-Kunsill Latvjan tax-Xjenza li l-qrati tar-rinviju ressqu t-talbiet tagħhom għal deċiżjoni preliminari. Kif jesponu dawn il-qrati, il-punt 2.7 tad-Digriet Nru 725 jirreferi, b'mod ċar u inkundizzjonat, għall-punt 83 tal-Artikolu 2 tar-Regolament Nru 651/2014 u jispeċifika li, sabiex ikunu eliġibbli għall-finanzjamenti pubbliċi ta' riċerka fundamentali tal-Kunsill Latvjan tax-Xjenza, l-offerenti ta' proġett għandhom jissodisfaw id-definizzjoni ta'organizzazzjoni ta' riċerka kif prevista fil-punt 83 tal-Artikolu 2 tar-Regolament Nru 651/2014. Peress li, kif spjegaw b'mod suffiċjenti l-imsemmija qrati, is-soluzzjoni tat-tilwim fil-kawża prinċipali tiddependi mill-interpretazzjoni ta' din id-dispożizzjoni tar-Regolament Nru 651/2014, ir-risposti tal-Qorti tal-Ġustizzja għad-domandi preliminari magħmula jidhru neċessarji għall-qrati tar-rinviju sabiex ikunu f'pożizzjoni li jagħtu s-sentenza tagħhom.
- 35 F'dan ir-rigward, għandu jittfakkar ukoll li l-Qorti tal-Ġustizzja rrikonoxxiet bħala ammissibbli talbiet għal deċiżjoni preliminari li jirrigwardaw dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni f'sitwazzjonijiet li fihom il-fatti fil-kawża prinċipali kienu jinsabu barra mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan id-dritt, iżda li fihom dawn id-dispożizzjonijiet kienu, mingħajr bidla fl-għan tagħhom jew fil-portata tagħhom, saru applikabbli mid-dritt nazzjonali minħabba riferiment dirett u inkundizzjonat minn dan tal-aħħar għall-kontenut tagħhom. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet b'mod kostanti li, f'dan it-tip ta' sitwazzjonijiet, huwa fl-interess manifest tal-ordinament ġuridiku tal-Unjoni li, sabiex jiġu evitati diverġenzi ta' interpretazzjoni fil-futur, id-dispożizzjonijiet meħuda mid-dritt tal-Unjoni jiġu interpretati b'mod uniformi (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-18 ta' Ottubru 1990, Dzodzi, C-297/88 u C-197/89, EU:C:1990:360,

punti 36 u 37; tal-24 ta' Ottubru 2019, Belgische Staat, C-469/18 u C-470/18, EU:C:2019:895, punti 21 sa 23 u l-ġurisprudenza ċċitata, kif ukoll tal-10 ta' Diċembru 2020, J & S Service, C-620/19, EU:C:2020:1011, punti 34, 44 u 45).

- 36 Mit-talbiet għal deċiżjoni preliminari jirriżulta li, billi rreferew, fil-punt 2.7 tad-Digriet Nru 725, b'mod dirett u inkundizzjonat għall-punt 83 tal-Artikolu 2 tar-Regolament Nru 651/2014 fil-kuntest tad-definizzjoni tal-kriterji ta' eliġibbiltà għall-finanzjamenti pubbliċi tar-riċerka fundamentali, l-awtoritajiet Latvjani riedu jiggarrantixxu l-konkordanza bejn id-dritt nazzjonali u d-dritt tal-Unjoni rilevanti u jiżguraw il-kompatibbiltà tas-sistema tagħhom ta' finanzjament pubbliku tar-riċerka fundamentali mar-regoli tad-dritt tal-Unjoni dwar l-għajnuna mill-Istat, b'tali mod li l-imsemmi riferiment la ma jbidel l-għan u lanqas il-portata ta' din id-dispożizzjoni.
- 37 F'dawn iċ-ċirkustanzi, hemm lok li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi għall-ewwel sar-raba' domanda magħmula f'kull waħda minn dawn il-kawżi, sa fejn dawn jirrigwardaw l-interpretazzjoni li għandha tingħata lill-punt 83 tal-Artikolu 2 tar-Regolament Nru 651/2014.
- 38 Madankollu, għal dak li jirrigwarda l-ħames domanda fil-Kawża C-164/21, dwar ir-rilevanza tal-oriġini tal-istudenti li entità tilqa' u tat-tip ta' tagħlim li hija tagħti bħala kriterji għall-finijiet tal-klassifikazzjoni tagħha bħala organizzazzjoni ta' riċerka u ta' tixrid tal-għarfien, għandu jiġi kkonstatat li din hija ta' natura ipotetika peress li l-qorti tar-rinviju ma tesponix b'livell suffiċjenti ta' ċarezza u ta' preċiżjoni r-raġunijiet li wassluha sabiex tagħmel din id-domanda u sa fejn hija meħtieġa risposta għall-imsemmija domanda sabiex tiddeċiedi dwar it-tilwima li biha hija adita.
- 39 Fil-fatt, it-talba għal deċiżjoni preliminari fil-Kawża C-164/21 ma tindikax kif il-kriterji li għalihom tirreferi din id-domanda huma rilevanti fil-kuntest tal-kawża prinċipali, pereżempju sa fejn huma jikkostitwixxu l-bażi tad-deċiżjoni tal-Kunsill Latvjani tax-Xjenza jew sa fejn ġew invokati minn BSA fil-kuntest tar-rikors tagħha quddiem il-qorti tar-rinviju. Għaldaqstant, il-ħames domanda fil-Kawża C-164/21 għandha tiġi ddikjarata inammissibbli.

Fuq l-ewwel u t-tieni domanda fil-Kawża C-164/21 kif ukoll fuq l-ewwel sat-tielet domanda fil-Kawża C-318/21

- 40 Permezz tal-ewwel u tat-tieni domanda fil-Kawża C-164/21, kif ukoll permezz tal-ewwel sat-tielet domanda fil-Kawża C-318/21, li għandhom jiġu eżaminati flimkien, il-qrati tar-rinviju jistaqsu, essenzjalment, jekk il-punt 83 tal-Artikolu 2 tar-Regolament Nru 651/2014 għandux jiġi interpretat fis-sens li entità rregolata mid-dritt privat li teżerċita diversi attivitajiet, fosthom ir-riċerka, iżda li l-parti l-kbira tad-dħul tagħha ġejja minn attivitajiet ekonomiċi, bħall-provvista ta' servizzi ta' tagħlim bi ħlas, tistax titqies bħala "organizzazzjoni ta' riċerka u ta' tixrid tal-għarfien", fis-sens ta' din id-dispożizzjoni.
- 41 B'dan il-mod, il-qrati tar-rinviju jistaqsu lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-interpretazzjoni li għandha tingħata lill-kunċett ta' "organizzazzjoni ta' riċerka u ta' tixrid tal-għarfien", kif iddefinit fil-punt 83 tal-Artikolu 2 tar-Regolament Nru 651/2014, u dwar il-kriterji għall-identifikazzjoni ta' tali organu.
- 42 Skont ġurisprudenza stabbilita, għall-interpretazzjoni ta' dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni, hemm lok li jittieħdu inkunsiderazzjoni mhux biss kliemha, iżda wkoll il-kuntest tagħha u l-għanijiet imfittxija mil-leġiżlazzjoni li tagħha parti minnha (sentenza tas-26 ta' Frar 2019, Rimševičs u BĊE vs Il-Latvja, C-202/18 u C-238/18, EU:C:2019:139, punt 45 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

- 43 Il-punt 83 tal-Artikolu 2 tar-Regolament Nru 651/2014 jiddefinixxi l-organizzazzjoni ta' riċerka u ta' tixrid tal-għarfien bħala "entità (bħal universitajiet jew istituti ta' riċerka, aġenziji tat-trasferiment tat-teknoloġija, intermedjarji ta' innovazzjoni, entitajiet kollaborattivi fiżiċi u/jew virtwali orjentati lejn ir-riċerka), ikun xi jkun l-istat legali tagħha (organizzata skont il-liġi pubblika jew privata) jew il-mod ta' finanzjament, li l-iskop ewlieni tagħha jkun li twettaq riċerka fundamentali, riċerka industrijali jew żvilupp sperimentali jew li xxerred b'mod wiesa' r-riżultati ta' attivitajiet bħal dawn permezz tat-tagħlim, il-pubblikazzjoni jew it-trasferiment tal-għarfien".
- 44 Din id-dispożizzjoni tippreċiża, barra minn hekk, li, meta tali entità teżerċita wkoll attivitajiet ekonomiċi, il-finanzjament, l-ispejjeż u d-dħul ta' dawn l-attivitajiet ekonomiċi jridu jitqiesu b'mod separat. Hija tipprovdi wkoll li l-impriża li jistgħu jeżerċitaw influwenza determinanti fuq tali entità, pereżempju fil-kapaċità tagħhom ta' azzjonist jew ta' soċju, ma jistgħux jibbenefikaw minn aċċess privileġġat għar-riżultati li hija tipproduċi.
- 45 Minn interpretazzjoni letterali tal-punt 83 tal-Artikolu 2 tar-Regolament Nru 651/2014 jirriżulta li l-kriterju ċentrali għall-klassifikazzjoni ta' organizzazzjoni ta' riċerka u ta' tixrid tal-għarfien huwa l-iskop ewlieni tagħha, li għandu jikkonsisti jew fl-eżerċizzju, b'indipendenza sħiħa, tal-attivitajiet ta' riċerka fundamentali, ta' riċerka industrijali jew ta' żvilupp sperimentali, jew fit-tixrid wiesa' tar-riżultati ta' dawn l-attivitajiet permezz ta' tagħlim, ta' publikazzjonijiet jew ta' trasferimenti ta' għarfien.
- 46 L-ewwel, għal dak li jikkonċerna l-kunċett ta' "skop ewlieni", għandu jiġi kkonstatat li dan ma huwiex iddefinit mir-Regolament Nru 651/2014. Għaldaqstant, hija l-Qorti tal-Ġustizzja li għandha tiddetermina t-tifsira u l-portata tagħha b'mod konformi mat-tifsira normali tagħha fil-lingwaġġ ta' kuljum (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-5 ta' Frar 2020, Staatssecretaris van Justitie en Veiligheid (Reġistrazzjoni tal-baħħara fil-port ta' Rotterdam), C-341/18, EU:C:2020:76, punt 42 u l-ġurisprudenza ċċitata). F'dan il-lingwaġġ, l-iskop ta' entità jagħmel riferiment għall-għan li hija tipproponi li tilħaq, u l-aġġettiv "ewlieni" jenfasizza l-importanza superjuri tal-iskop inkwistjoni, u għalhekk il-preċedenza tiegħu fuq kwalunkwe skop ieħor segwit mill-entità.
- 47 Minn din il-perspettiva, l-użu tal-kunċett ta' "skop ewlieni" fil-punt 83 tal-Artikolu 2 tar-Regolament Nru 651/2014 jagħti x'jifhem li organizzazzjoni ta' riċerka u ta' tixrid tal-għarfien, fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, jista' jkollha diversi għanijiet u teżerċita tipi differenti ta' attivitajiet, bil-kundizzjoni li, fost dawn l-għanijiet differenti, l-eżerċizzju ta' attivitajiet indipendenti ta' riċerka jew ta' tixrid wiesa' tar-riżultati ta' dawn l-attivitajiet jikkostitwixxi l-għan prinċipali, li jkun predominanti meta mqabbel mal-għanijiet l-oħra eventwali mfittxija minn din l-organizzazzjoni.
- 48 Din l-interpretazzjoni, li tgħid li l-punt 83 tal-Artikolu 2 tar-Regolament Nru 651/2014 u l-kunċett ta' "skop ewlieni" li fuqu hija bbażata din id-dispożizzjoni ma jipprekludux li organizzazzjoni ta' riċerka u ta' tixrid tal-għarfien teżerċita wkoll attivitajiet oħra, possibbilment ta' natura ekonomika, bħal attivitajiet ta' tagħlim bi ħlas, sakemm dawn l-attivitajiet iżommu natura sekondarja, li ma jkunux predominanti meta mqabbla mal-attivitajiet prinċipali, ġeneralment ta' natura mhux ekonomika, ta' riċerka indipendenti jew ta' tixrid tar-riżultati ta' din ir-riċerka, hija kkorroborata mill-premessa 49 ta' dan ir-regolament u mill-punt 20 tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-2014, li minnha jirriżulta li organizzazzjoni ta' riċerka jew infrastruttura ta' riċerka tista' teżerċita fl-istess waqt kemm attivitajiet ekonomiċi kif ukoll attivitajiet mhux ekonomiċi.

- 49 It-tieni, għal dak li jikkonċerna l-attivitajiet eżerċitati sabiex jintlaħaq l-iskop ewlieni tal-entità, għalkemm il-formulazzjoni tal-punt 83 tal-Artikolu 2 tar-Regolament Nru 651/2014 u l-użu tal-konġunzjoni ta' koordinazzjoni "jew" jagħtu x'jifhem li l-organizzazzjonijiet ta' riċerka u ta' tixrid tal-għarfien ma għandhomx neċessarjament iwettqu b'mod kumulattiv attivitajiet ta' riċerka u ta' attivitajiet ta' tixrid tar-riżultati, min-naħa l-oħra, l-espressjoni "r-riżultati ta' attivitajiet bħal dawn" tippreżumi neċessarjament li l-attivitajiet ta' tixrid tal-għarfien tal-organizzazzjoni ma jistgħux jirrigwardaw indistintament ir-riżultati ta' kwalunkwe tip ta' riċerka, anki mingħajr ebda rabta mal-entità inkwistjoni, iżda għandhom jikkonċernaw, tal-inqas parzjalment, ir-riżultati tal-attivitajiet ta' riċerka mwettqa mill-entità nnifisha.
- 50 Minn dawn l-elementi jirriżulta li, sabiex tiġi kklassifikata bħala "organizzazzjoni ta' riċerka u ta' tixrid tal-għarfien", fis-sens tal-punt 83 tal-Artikolu 2 tar-Regolament Nru 651/2014, entità għandha teżerċita attivitajiet indipendenti ta' riċerka, eventwalment ikkompletati minn attivitajiet ta' tixrid tar-riżultati ta' dawn l-attivitajiet ta' riċerka.
- 51 Konsegwentement, istituzzjonijiet iddedikati esklużivament għal attivitajiet ta' taġġim u ta' taħriġ li jxerrdu, b'mod ġenerali, l-istat attwali tax-xjenza ma jistgħux jiġu kklassifikati bħala organizzazzjonijiet ta' riċerka u ta' tixrid tal-għarfien. Din l-interpretazzjoni hija sostnuta mill-għan u mill-istruttura ġenerali tar-Regolament Nru 651/2014, u tal-iskema li dan jistabbilixxi għall-għajnuna għar-riċerka, għall-iżvilupp u għall-innovazzjoni, li, kif jirriżulta b'mod partikolari mill-premessi 45, 47 u 48 ta' dan ir-regolament, ma jistgħux ikollhom bħala għan li jeżentaw l-għajnuna mogħtija lil entitajiet esklużivament iddedikati għat-tagħlim u għat-tixrid ta' għarfien ġenerali, li bl-ebda mod ma huwa marbut ma' attivitajiet ta' riċerka li, mill-bqija, huma ma jeżerċitawx.
- 52 It-tielet, fir-rigward tal-kriterji li fid-dawl tagħhom il-kundizzjoni essenzjali tal-iskop ewlieni ta' entità għandha tiġi evalwata għall-finijiet tal-klassifikazzjoni tagħha bħala "organizzazzjoni ta' riċerka u ta' tixrid tal-għarfien", fis-sens tal-punt 83 tal-Artikolu 2 tar-Regolament Nru 651/2014, għandu qabel kollox jiġi kkonstatat li dawn ma humiex speċifikati fl-imsemmi punt 83 tal-Artikolu 2. Minn dan għandu jiġi dedott li din id-dispożizzjoni tippermetti, sabiex jiġi evalwat l-iskop ewlieni ta' entità, it-teħid inkunsiderazzjoni tal-kriterji rilevanti kollha, bħall-qafas regolamentari applikabbli jew l-istatuti tal-entità inkwistjoni.
- 53 F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja qed tiġi mistoqsija dwar in-natura determinanti tal-istruttura tad-dħul mill-bejgħ ta' entità u tal-parti rrappreżentata mid-dħul mill-attivitajiet ekonomiċi tagħha, għall-finijiet tal-evalwazzjoni tal-iskop ewlieni tagħha. B'mod iktar partikolari, il-qradi tar-rinvju jistaqsu jekk il-fatt li entità tikseb iktar minn nofs id-dħul tagħha minn tali attivitajiet ekonomiċi jimplikax neċessarjament li hija ma tistax tiġi kklassifikata bħala "organizzazzjoni ta' riċerka u ta' tixrid tal-għarfien", fis-sens tal-punt 83 tal-Artikolu 2 tar-Regolament Nru 651/2014.
- 54 Fuq dan il-punt, għandu qabel kollox jiġi kkonstatat li l-punt 83 tal-Artikolu 2 tar-Regolament Nru 651/2014 ma jistabbilixxi ebda rekwiżit fir-rigward tal-istruttura u tal-orijini tal-finanzjament tal-attivitajiet tal-entità għall-finijiet tal-evalwazzjoni tal-iskop ewlieni tagħha, u tal-klassifikazzjoni tagħha bħala "organizzazzjoni ta' riċerka u ta' tixrid tal-għarfien". Din id-dispożizzjoni tippreċiża wkoll li tali klassifikazzjoni għandha ssir mingħajr ma jittieħed inkunsiderazzjoni l-mod ta' finanzjament tal-entità jew l-istatus legali tagħha ta' dritt pubbliku jew ta' dritt privat.

- 55 Sussegwentement, ir-rekwiżit ta' kontabbiltà separata li jimponi l-punt 83 tal-Artikolu 2 tar-Regolament Nru 651/2014 jikkonferma li organizzazzjoni ta' riċerka u ta' tixrid tal-għarfien jista' jeżerċita wkoll attivitajiet ta' natura ekonomika, li jiġġeneraw dħul.
- 56 Fl-aħħar nett, kif jenfasizzaw il-Gvern Latvjan u dak tal-Pajjiżi l-Baxxi kif ukoll il-Kummissjoni, għandu jiġi kkonstatat li l-kriterju tal-istruttura tad-dħul mill-bejgħ ta' entità, u tal-parti rispettiva rrappreżentata mid-dħul mill-attivitajiet ekonomiċi ta' din l-entità u mid-dħul minn attivitajiet, ġeneralment mhux ekonomiċi, ta' riċerka u ta' tixrid tar-riżultati tagħha, jista', jekk jittieħed waħdu, jagħti immaġini distorta tal-attivitajiet reali ta' entità u tal-iskop primarju tagħha, pereżempju billi tiġi sottovalutata l-importanza reali ta' attività li tiġġenera biss ftit dħul.
- 57 Għaldaqstant, għandu jitqies li l-kriterju tal-istruttura tad-dħul mill-bejgħ ta' entità, u tal-parti rrappreżentata mid-dħul mill-attivitajiet ekonomiċi ta' din l-entità, ma jistax jintuża bħala l-uniku kriterju determinanti tal-evalwazzjoni tal-iskop ewlieni tal-imsemmija entità għall-finijiet tal-eventwali klassifikazzjoni tagħha bħala organizzazzjoni ta' riċerka u ta' tixrid tal-għarfien.
- 58 Madankollu, il-punt 83 tal-Artikolu 2 tar-Regolament Nru 651/2014 ma jipprekludix li dan il-kriterju jista' jittieħed inkunsiderazzjoni, fil-kuntest iktar wiesa' ta' analiżi taċ-ċirkustanzi rilevanti kollha, bħala indizzju fost oħrajn tal-iskop ewlieni segwit minn entità.
- 59 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, ir-risposta li għandha tingħata għall-ewwel u għat-tieni domanda fil-Kawża C-164/21 u għall-ewwel sat-tielet domanda fil-Kawża C-318/21 hija li l-punt 83 tal-Artikolu 2 tar-Regolament Nru 651/2014 għandu jiġi interpretat fis-sens li entità rregolata mid-dritt privat li teżerċita diversi attivitajiet, fosthom ir-riċerka, iżda li l-parti l-kbira tad-dħul tagħha tkun ġejja minn attivitajiet ekonomiċi, bħall-provvista ta' servizzi ta' taġġim bi ħlas, tista' titqies bħala "organizzazzjoni ta' riċerka u ta' tixrid tal-għarfien", fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, bil-kundizzjoni li jkun jista' jiġi stabbilit, fid-dawl taċ-ċirkustanzi rilevanti kollha tal-każ, li l-iskop ewlieni tagħha huwa li teżerċita, b'indipendenza sħiħa, attivitajiet ta' riċerka fundamentali, ta' riċerka industrijali jew ta' żvilupp sperimentali, eventwalment ikkompletati minn attivitajiet ta' tixrid tar-riżultati ta' dawn l-attivitajiet ta' riċerka, permezz tat-taġġim, tal-pubblikazzjoni jew tat-trasferiment tal-għarfien. F'dan il-kuntest, ma jistax jiġi rikjest minn tali entità li hija tikseb ċertu proporzjon mid-dħul tagħha minn attivitajiet mhux ekonomiċi ta' riċerka u ta' tixrid tal-għarfien.

Fuq it-tielet domanda fil-Kawża C-164/21

- 60 Permezz tat-tielet domanda fil-Kawża C-164/21, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk il-punt 83 tal-Artikolu 2 tar-Regolament Nru 651/2014 għandux jiġi interpretat fis-sens li huwa neċessarju, sabiex entità tkun tista' titqies bħala "organizzazzjoni ta' riċerka u ta' tixrid tal-għarfien", fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, li din l-entità terġa' tinvesti mill-ġdid id-dħul iġġenerat mill-attività prinċipali tagħha f'din l-istess attività.
- 61 Qabelxejn, għandu jiġi kkonstatat li l-punt 83 tal-Artikolu 2 tar-Regolament Nru 651/2014, lil hinn mill-obbligu ta' kontabbiltà separata tal-finanzjament, tal-ispejjeż u tad-dħul tal-eventwali attivitajiet ekonomiċi li entità teżerċita, ma jimponi, għall-finijiet tal-klassifikazzjoni tagħha bħala organizzazzjoni ta' riċerka u ta' tixrid tal-għarfien, ebda rekwiżit dwar l-użu, u l-eventwali investiment mill-ġdid, minn din tal-aħħar, tad-dħul tagħha.

- 62 F'dan ir-rigward, għandu sussegwentement jiġi osservat, kif jagħmlu l-Gvern tal-Pajjiżi l-Baxxi u l-Kummissjoni fl-osservazzjonijiet tagħhom, li tali rekwiżit ta' investiment mill-ġdid tad-dħul kien jeżisti taħt is-sistema preċedenti tar-Regolament Nru 800/2008, li l-Artikolu 30(1) tiegħu kien jipprovdi, b'mod partikolari, li "il-profitti kollha għandhom jiġu investiti mill-ġdid f'dawn l-attivitajiet [ta' riċerka], it-tixrid tar-riżultati tagħhom jew it-tagħlim", u li dan ir-rekwiżit ma ġiex inkluż fir-Regolament Nru 651/2014.
- 63 Fl-aħħar nett, kuntrarjament għal dak li jsostni l-Gvern Latvjan, tali rekwiżit ta' investiment mill-ġdid ma jistax jiġi dedott mill-punt 19(b) tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-2014, li, kuntrarjament għall-punt 19(a) tiegħu, ma għandux l-għan li jikklassifika l-attivitajiet prinċipali tal-organizzazzjonijiet ta' riċerka, iżda jirrigwarda biss il-klassifikazzjoni tal-attivitajiet ta' trasferiment tal-għarfien. Huwa biss għall-finijiet li jiġi indikat f'liema kundizzjonijiet dawn l-aħħar attivitajiet jistgħu jiġu kklassifikati bħala "mhux ekonomiċi" li dan il-punt 19(b) jirreferi għal rekwiżit ta' investiment mill-ġdid ta' dħul fl-attivitajiet prinċipali tal-organizzazzjoni ta' riċerka.
- 64 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, ir-risposta li għandha tingħata għat-tielet domanda fil-Kawża C-164/21 hija li l-punt 83 tal-Artikolu 2 tar-Regolament Nru 651/2014 għandu jiġi interpretat fis-sens li ma huwiex neċessarju, sabiex entità tkun tista' titqies bħala "organizzazzjoni ta' riċerka u ta' tixrid tal-għarfien", fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, li din l-entità terġa' tinvesti mill-ġdid id-dħul iġġenerat mill-attività prinċipali tagħha f'din l-istess attività prinċipali.

Fuq ir-raba' domanda fil-Kawża C-164/21 u fil-Kawża C-318/21

- 65 Permezz tar-raba' domanda tagħhom fil-Kawżi C-164/21 u C-318/21, il-qrati tar-rinviju jistaqsu, essenzjalment, jekk il-punt 83 tal-Artikolu 2 tar-Regolament Nru 651/2014 għandux jiġi interpretat fis-sens li l-istatus ġuridiku tas-soċji u tal-azzjonisti ta' entità, kif ukoll in-natura eventwalment ta' lukru tal-attivitajiet eżerċitati minn dawn tal-aħħar u tal-għanijiet li huma jsegwu, jikkostitwixxu kriterji determinanti għall-finijiet tal-klassifikazzjoni tal-imsemmija entità bħala "organizzazzjoni ta' riċerka u ta' tixrid tal-għarfien", fis-sens ta' din id-dispożizzjoni.
- 66 L-ewwel, il-punt 83 tal-Artikolu 2 tar-Regolament Nru 651/2014 jipprovdi espressament li l-istatus legali tal-entità (id-dritt pubbliku jew id-dritt privat) u l-mod ta' finanzjament tagħha huma irrilevanti sabiex jiġi ddeterminat jekk hija tistax tiġi kklassifikata bħala organizzazzjoni ta' riċerka u ta' tixrid tal-għarfien. Dan juri r-rieda tal-Kummissjoni, l-awtriċi tar-Regolament Nru 651/2014, li ma tiħux inkunsiderazzjoni, għall-finijiet tal-klassifikazzjoni ta' entità bħala organizzazzjoni ta' riċerka u ta' tixrid tal-għarfien, kriterji formali marbuta mal-istatus ġuridiku u mal-organizzazzjoni interna tal-entità.
- 67 It-tieni, ir-regola, li tinsab fil-punt 83 tal-Artikolu 2 tar-Regolament Nru 651/2014, li tipprovdi li l-impriżi li jistgħu jeżerċitaw influwenza determinanti fuq organizzazzjoni ta' riċerka u ta' tixrid tal-għarfien, pereżempju fil-kwalità tagħhom ta' azzjonist jew ta' soċju, ma jistgħux jibbenefikaw minn aċċess privileġġat għar-riżultati li din tipproduċi, tagħti x'tifhem li l-istatus ġuridiku tas-soċji jew tal-azzjonisti ta' entità u n-natura ta' lukru jew le tal-attivitajiet jew tal-għanijiet tagħhom ma jistgħux ikunu determinanti għall-finijiet tal-klassifikazzjoni tal-imsemmija entità bħala "organizzazzjoni ta' riċerka u ta' tixrid tal-għarfien", fis-sens ta' din id-dispożizzjoni.

- 68 Barra minn hekk, għandu jiġi rrilevat li din ir-regola tikkonċerna biss l-entitajiet li jistgħu jitqiesu bħala impriżi. Issa, kif iddeċidiet diversi drabi l-Qorti tal-Ġustizzja (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tad-19 ta' Frar 2002, *Wouters et*, C-309/99, EU:C:2002:98, punti 46 u 47, kif ukoll tal-11 ta' Ġunju 2020, *Il-Kummissjoni u Ir-Repubblika Slovakkja vs Dôvera zdravotná poisťovňa*, C-262/18 P u C-271/18 P, EU:C:2020:450, punti 28 u 29), u kif jikkonfermaw l-Artikolu 1 tal-Anness I tar-Regolament Nru 651/2014 kif ukoll il-punt 17 tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-2014, tikkostitwixxi "impriża", fis-sens tad-dritt tal-Unjoni, kwalunkwe entità li twettaq attività ekonomika li tikkonsisti fl-offerta ta' prodotti jew ta' servizzi f'suq partikolari, irrispettivament mill-istatus ġuridiku tagħha jew min-natura ta' lukru tal-għan li hija ssegwi. Għaldaqstant, u kif isostnu b'mod partikolari l-Gvern Latvjan u dak tal-Pajjiżi l-Baxxi kif ukoll il-Kummissjoni, ir-regola li tinsab fil-punt 83 tal-Artikolu 2 tar-Regolament Nru 651/2014 ma tinvolvi ebda restrizzjoni dwar l-istatus ġuridiku tal-eventwali soċji jew azzjonisti ta' organizzazzjoni ta' riċerka u ta' tixrid tal-għarfien, u n-natura ta' lukru jew le tal-attivitajiet eżerċitati minn dawn tal-aħħar u tal-għanijiet li huma jsegwu.
- 69 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, ir-risposta li għandha tingħata għar-raba' domanda fil-Kawżi C-164/21 u C-318/21 hija li l-punt 83 tal-Artikolu 2 tar-Regolament Nru 651/2014 għandu jiġi interpretat fis-sens li l-istatus ġuridiku tas-soċji u tal-azzjonisti ta' entità kif ukoll in-natura eventwalment ta' lukru tal-attivitajiet eżerċitati minn dawn tal-aħħar u tal-għanijiet li huma jsegwu ma jikkostitwixxux kriterji determinanti għall-finijiet tal-klassifikazzjoni tal-imsemmija entità bħala "organizzazzjoni ta' riċerka u ta' tixrid tal-għarfien", fis-sens ta' din id-dispożizzjoni.

Fuq l-ispejjeż

- 70 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija dik il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Ir-Raba' Awla) taqta' u tiddeċiedi:

- 1) **Il-punt 83 tal-Artikolu 2 tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 651/2014 tas-17 ta' Ġunju 2014 li jiddikjara li ċerti kategoriji ta' għajnuna huma kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikoli 107 u 108 [TFUE],**

għandu jiġi interpretat fis-sens li:

entità rregolata mid-dritt privat li teżerċita diversi attivitajiet, fosthom ir-riċerka, iżda li l-parti l-kbira tad-dħul tagħha tkun ġejja minn attivitajiet ekonomiċi, bħall-provvista ta' servizzi ta' taġlim bi ħlas, tista' titqies bħala "organizzazzjoni ta' riċerka u ta' tixrid tal-għarfien", fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, bil-kundizzjoni li jkun jista' jiġi stabbilit, fid-dawl taċ-ċirkustanzi rilevanti kollha tal-każ, li l-iskop ewlieni tagħha huwa li teżerċita, b'indipendenza sħiħa, attivitajiet ta' riċerka fundamentali, ta' riċerka industrijali jew ta' żvilupp sperimentali, eventwalment ikkompletati minn attivitajiet ta' tixrid tar-riżultati ta' dawn l-attivitajiet ta' riċerka, permezz tat-taġlim, tal-pubblikazzjoni jew tat-trasferiment tal-għarfien. F'dan il-kuntest, ma jistax jiġi rikjest minn tali entità li hija tikseb ċertu proporzjon mid-dħul tagħha minn attivitajiet mhux ekonomiċi ta' riċerka u ta' tixrid tal-għarfien.

2) Il-punt 83 tal-Artikolu 2 tar-Regolament Nru 651/2014

għandu jiġi interpretat fis-sens li:

ma huwiex neċessarju, sabiex entità tkun tista' titqies bħala “organizzazzjoni ta' riċerka u ta' tixrid tal-għarfien”, fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, li din l-entità terġa' tinvesti mill-ġdid id-dħul iġġenerat mill-attività prinċipali tagħha f'din l-istess attività prinċipali.

3) Il-punt 83 tal-Artikolu 2 tar-Regolament Nru 651/2014

għandu jiġi interpretat fis-sens li:

l-istatus ġuridiku tas-soċji u tal-azzjonisti ta' entità kif ukoll in-natura eventwalment ta' lukru tal-attivitajiet eżerċitati minn dawn tal-aħħar u tal-għanijiet li huma jsegwu ma jikkostitwixxux kriterji determinanti għall-finijiet tal-klassifikazzjoni tal-imsemmija entità bħala “organizzazzjoni ta' riċerka u ta' tixrid tal-għarfien”, fis-sens ta' din id-dispożizzjoni.

Firem